# FIL-QORTI CIVILI PRIM' AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 30 ta' Jannar 2025**

**Rikors numru 578/2023**

**Leo Gatt (K.I. 0456250M)**
**Lorraine Falzon (K.I. 0537274M)**
**Carmelo sive Charles Bartolo (K.I. 0005963M)**
**Paul Farrugia (K.I. 0392660M)**
**Mariella Farrugia (K.I. 0316263M)**
**Edgar Galea (K.I. 0038242M)**
**Dorothy Galea (K.I. 0565244M)**
**Jacques Andres Ellul Soler (K.I. 0094480M)**
**Sarah Jane Ellul Soler (K.I.0033184M)**
**John Agius (K.I. 0056343G)**
**Nathalie Buħaġar (K.I. 44164M)**
**Krista Montfort (K.I. 100990M)**
**Irina Kondratieva (K.I. 768157089)**
**Therese Attard (K.I.0066664M)**

**vs.**

**Thomas Joseph Cachia Wakeman (K.I.497493M) u l-Avukat Dr. Leontine Calleja LL.D. u il-Prokuratur Legali Daniel Aquilina li b'digriet tad-19 ta' Lulju 2023, ġew maħtura Kuraturi Deputati sabiex jidhru u jiddefendu fl-interessi tal-assenti Mikhail Kondratiev detentur tal-passaport Russu 432747437.**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. RIKORS

1. Rat ir-rikors tar-rikorrenti ippreżentat fis-6 ta' Ġunju 2023, permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex :

i) Tordna l-bejgħ tal-proprjetà ossija tal-arja 'ad coelum', formanti parti u sovrastanti blokk bl-isem 'The Pines' uffiċjalment immarkat mitejn sitta u tletin (236), fi Triq ġdida li tiżbokka fi Triq is-Swieqi, is-Swieqi, libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha, kif aħjar deskritt fil-konvenju tad-29 ta' Novembru 2022, u taħt il-kundizzjonijiet u l-pattijiet hemmhekk miftiehma u/jew taħt dawk il-kondizzjonijiet li jogħġobha timponi din l-Onorabbli Qorti;

ii) Tordna lir-Reġistratur tal-qorti jippubblika kopja tar-rikors fil-gażżetta tal-Gvern u f'gażżetta lokali ta' kuljum.

iii) Tinnomina lin-nutar Dottor Luke Caruana jew nutar ieħor sabiex jippubblika l-att ta' trasferiment opportun u kwalunkwe att ieħor neċessarju jew aċċessorju għall-istess, inkluż kwalunkwe 'waivers' neċessarji biex ikun jista' jsir il-bejgħ;

iv) Tistabbilixxi jum, ħin u lok għall-pubblikazzjoni tal-att notarili opportun.

v) Taħtar kuratur/i sabiex jidher/jidhru flok l-eventwali kontumaċi.

vi) Tagħti dawk l-ordnijiet meqjusa neċessarji u opportuni f'kont iċ-ċirkostanzi.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma inġunti minn issa għas-subizzjoni.

2. Rat li b'digriet tad-19 ta' Lulju 2023, din il-Qorti diversament ippreseduta, innominat il-Kuraturi Deputati bħala kuraturi għall-finijiet kollha tal-liġi (fol 18).

3. Rat in-nota tal-atturi ippreżentata fid-9 ta' Jannar 2024, li permezz tagħha irtiraw il-kawża fil-konfront ta' Thomas Joseph Cachia Wakeman, billi fil-frattemp dan iffirma l-konvenju li sar ma' terz huwa wkoll (fol 60 *et sequitur*).

4. Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati ippreżentata fit-30 ta' Jannar 2024 (fol 72).

5. Rat li din il-qorti fil-21 ta' Marzu 2024, fid-dawl tas-sitt eċċezzjoni sollevata mill-kuraturi deputati ħatret lill-perit Michael Lanfranco sabiex jagħmel stima tal-propjetà li tkun tirrifletti il-valur ġust u reali fil-fond in kwistjoni skond is-suq. (fol 75).

6. Rat li fit-8 ta' Awissu 2024 ġiet esebita r-relazzjoni tal-perit tekniku Michael Lanfranco filwaqt li din ġiet maħlufa fit-2 ta' Settembru 2024 (fol 79 *et sequitur*).

7. Rat ix-xhieda kollha, id-dokumenti u l-atti proċesswali.

8. Rat li fil-verbal tat-22 ta’ Ottubru 2024, il-kawża tħalliet ghas-sentenza.

## B. FATTI TAL-KAŻ

9. Il-partijiet huma sidien tal-arja ‘ad coelum’ formanti parti u sovrastanti blokk bl-isem ‘The Pines’, 236 fi Triq ġdida li tiżbokka fi Triq is-Swieqi, is-Swieqi kif deskritta fil-konvenju tad-29 ta' Novembru 2022, fol 4 *et sequitur*. Ir-rikorrenti esebew ukoll prospett, fol 17, dwar kif inhuma mqassma l-ishma fejn jidher li r-rikorrenti għandhom sehem ta' 23/26 sehem fir-rigward ta' l-imsemmija arja fuq il-blokk bl-isem ‘The Pines’, 236 fi Triq Ġdida li tiżbokka fi Triq is-Swieqi, is-Swieqi. Ir-rikorrenti ma jridux jibqgħu iktar fi stat ta' kompropjetà, anke għaliex sabu l-bejgħ permezz tal-konvenju esebit fol 4.

10. Għalkemm għall-bidu tal-proċeduri Thomas Joseph Cachia Wakeman ma riedx jersaq għall-bejgħ skont il-kundizzjonijiet milħuqa, fil-mori ta' dan il-każ irriżulta li dan minn dissidenti spiċċa akkonsentixxa billi iffirma l-konvenju li sar ma’ NZT Developments Limited, kif jidher mill-att esebit 61 sa 71. B’hekk permezz ta' nota ippreżentata fol 60 ir-rikorrenti ċedew il-kawża fil-konfront tiegħu.

11. Iżda l-intimat l-ieħor Mikhail Kondratiev irriżulta li kien jinsab barra minn Malta, assenti u ħadd ma' kellu kuntatt miegħu. Ir-rikorrenti ddikjaraw dan ukoll b’nota ġuramentata a fol 77. B’hekk din il-kawża kellha tibqa’ għaddejja fil-konfront tiegħu.

## C. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI

12. Din il-kawża hija imsejsa fuq l-artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili, li daħal fil-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta in forza tal-Att XVIII tal-2004. Din id-dispożizzjoni tagħti l-fakultà lill-Qorti li tawtorizza bejgħ ta' proprjeta` in komuni meta l-bejgħ jinżamm minn xi kompropjetarji.

13. L-artikolu 495A jiddisponi:

> (1) Salv meta jkun hemm kondominju jew stat ta' indiviżjoni forzata, meta xi ħaġa tkun inżammet in komun għal iżjed minn tliet snin u ħadd mis-sidien ma jkun beda azzjoni quddiem xi qorti jew tribunal ieħor għall-qsim tal-proprjetà li tkun qed tinżamm in komun, u l-komproprjetarji jonqsu milli

jiftehmu dwar il-bejgħ ta' xi proprjetà partikolari bejniethom, il-qorti għandha jekk tkun sodisfatta li ħadd mill-komproprjetarji dissidenti ma jkun gravament preġudikat b'dak li tordna, tawtorizza l-bejgħ skond ma jkun jixtieq l-akbar għadd ta' komproprjetarji fil-qies tal-valur tal-ishma li kull komproprjetarju jkollu.

(2) It-talba lill-qorti għandha ssir permezz ta' rikors li miegħu jkun hemm annessa dikjarazzjoni tas-sidien fejn jaqblu li jsir il-bejgħ kif ukoll prospett li jkun juri l-għadd u l-valur ta' l-ishma li kull wieħed minnhom ikollu kif ukoll il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li taħthom ikun ser isir il-bejgħ. Fir-rikors għandha tiġi ndikata wkoll id-data meta l-ħwejjeġ ikunu ġew in komun u iċ-ċirkostanzi relattivi.

(3) Ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-komproprjetarji kollha li ma jkunux jaqblu mal-bejgħ kif ukoll lill-kuraturi li jiġu maħtura mill-qorti biex jirrappreżentaw lil min mill-komproprjetarji ma jkunx magħruf jew ma jkunx jista' jinstab. Ir-Reġistratur għandu jara li kopja tar-rikors tiġi pubblikata fil-gazzetta u f'ġurnal wieħed ta' kuljum.

(4) Dikjarazzjoni li xi komproprjetarju minnhom ma jkunx magħruf jew ma jkunx jista' jinstab għandha tiġi konfermata bil-ġurament minn wieħed mir-rikorrenti.

14. Fil-kawża **Carmelo Abela et vs. Dr. Noel Bartolo et** (831/2017) deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' April 2018, ġew enunċjati ir-rekwiżiti essenzjali għal din l-azzjoni fejn ġie speċifikat is-segwenti:

Il-kondizzjonijiet li jistgħu jagħtu lok għal din l-azzjoni minn qari ta' dawn is-subinċiżi huma s-segwenti:

1. Il-komunjoni tal-ħaġa għal aktar minn ghaxar (10) snin bejn il-komproprjetarji kollha
2. In-nuqqas ta' pendenza ta' azzjoni għall-qsim tal-proprjeta in komun.
3. In-nuqqas ta' ftehim dwar il-bejgħ ta' proprjeta partikolari bejn il-komproprjetarji kollha.
4. Ir-rieda tal-maġġoranza tal-komproprjetarji fil-qies tal-valur tal-ishma li jsir il-bejgħ tal-istess proprjeta.
5. In-nuqqas ta' preġudizzju gravi tal-komproprjetarji li qed joġġezzjonaw jekk il-bejgħ tal-proprjeta ssir bil-kundizzjonijiet u pattijiet proposti mill-maġġoranza tal-komproprjetarji.

15. Pemezz tal-Att XIV tal-2016, il-perjodu ta' għaxar (10) snin hawn fuq imsemmi ġie ridott għal perjodu ta' tliet (3) snin.

16. Il-bażi legali wara din l-azzjoni li tinneċessita l-inklużjoni tal-proprjetarji kollha hi ċ-ċertezza li ordni ta' Qorti toħloq bejn il-komproprjetarji kollha fuq proprjetà partikolari dwar il-bejgħ tagħha

bil-kondizzjonijiet espliċiti li taħthom din il-propjetà fl-intier tagħha tkun trid tinbiegħ, liema ordni tkun torbot lill-komproprjetarji kollha.

17. Kif intqal fis-sentenza f'ismijiet **Josephine Grech pro et noe vs. George Joseph Parnis** (168/16) deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Frar 2017:[1]

> L-artikolu 495A tal-Kapitolu 16 huwa eżemplari eċċellenti ta' dan il-kompromess. Proprjetà li titħalla mhux maqsuma għal aktar minn 10 snin (jew għal tliet snin fil-każ ta' wirt li jiġi fis-seħħ wara l-1 ta' April 2016), li huwa diġà perjodu twil ħafna, tista' tinbiegħ mill-komproprjetarji li jkollhom il-maġġoranza tal-ishma kundizzjoni waħda suprema: li l-komproprjetarji dissidenti ma jkunux gravament ippreġudikati. Għalhekk, mhux biżżejjed li jiġu ippreġudikati, imma jeħtieġ li jkunu gravament ippreġudikati. Hawn il-leġiżlatur qed jagħmilha ċara li anke jekk il-kundizzjonijiet tal-bejgħ ma jkunux ottimali, jew l-aħjar li jistgħu jinġiebu fis-suq, xorta waħda l-bejgħ irid isir, il-linja trid tinqata' u tinqata' malajr. Altrimenti jiġi imminati l-iskop kollu tal-preċitat artikolu 495 tal-Kapitolu 12.

18. Inoltre`, fil-kawża deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Gunju 2017, fl-ismijiet **Carmelo Spiteri et vs. Josephine Debono et** (899/2016) ġie ritenut:

> Il-kawża u r-raġuni tal-artikolu 495A hu l-ħall tax-xirka tal-kompropjetarji meta l-minoranza ma tkunx trid tinħall mill-komproprjetà. Jekk jinstab xerrej u l-valur oġġettiv tas-sit hu raġonevoli u realistiku tenut kont tal-fatti marbuta direttament mas-sit allura r-rieda tal-maġġoranza għandha tirbaħ. Hu inutili li wieħed jispekula li seta' nġib prezz aħjar jew il-potenzjal ta' l-iżvilupp hu aktar. Il-mezzi u intenzjoni tal-akkwirent prospettiv mhumiex rilevanti għall-fini tal-valur tal-propjetà. Dak li hu rilevanti hu l-valur tas-sit fis-suq, u jekk il-bejgħ ikunx ser jikkrea preġudizzju serju lill-minoranza. Tali preġudizzju ma jistax jitqies b'mod ipotetiku jew teoretiku jew fondat fuq raġuni li tista' jew ma tistax isseħħ..

19. Meta wieħed mill-kompropjetarji ma jkunx magħruf jew ma jkunx jista' jinstab, l-artikolu 495A(3) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi espressament għall-ħatra ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentawh. Dan l-artikolu jiffaċilita t-trasferiment ta' proprjeta fl-intier tagħha meta jkun hemm proprjetarji ta' minoranza ta' ishma li għal raġuni jew oħra ma jridux jew ma jistgħux jersqu għat-trasferiment fl-intier tal-propjetà in komun.[2] L-interessi tal-komproprjetarji assenti, introvabbli, injoti jew dissidenti jiġu għalhekk

[1] Sussegwentement ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ottubru 2017.

[2] Ara **Aloysius Farrugia et vs. Dr. Josette Sultana et noe** (756/2016) deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil- 31 ta' Mejju 2017: **Philip Agius et vs. Avv. Josette Sultana et noe (**262/2018) deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Lulju 2019; **Avukat Dottor Victor Bugeja et vs. Dr. Benjamin Valencia et noe** (946/2015) deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ġunju 2016.

imħarsa bl-assistenza tal-kuraturi li jkunu deputati biex jirrapreżentaw l-interessi ta’ din il-kategorija ta’ komproprjetarji.

**Ikkunsidrat**

20. F’dan il-każ ir-rikorrenti ma esebewx dokumenti bħala prova dwar il-provenjenza tat-titolu fir-rigward ta' l-imsemmija proprjetà. Iżda huma ppreżentaw kemm kopja tal-att ta’ konvenju tad-29 ta' Novembru 2022 u iżjed importanti minn hekk ippreżentaw ukoll dikjarazzjoni markata Dok B a fol 16 li huma bħala komproprjetarji tal-arja de quo kienu jaqblu li l-istess proprjeta stabbli komuni tiġi mibjugħa skont it-termini tal-konvenju msemmi, kif ukoll ippreżentaw il-prospett li juri l-ishma rispettivi tagħhom kif indikati fid-dokument markat Dok Ċ a fol 17 tal-proċess. [3]

21. Inoltre, fir-rikors promotur ikkonfermaw bil-ġurament ta’ Leo Gatt li kienu jinsabu fi stat ta’ komproprjeta tal-arja de quo għal iżjed minn tliet snin.

22. Ħadd mis-sidien ma jirriżulta li beda azzjoni quddiem xi qorti jew tribunal ieħor għall-qsim tal-proprjetà li tkun qed tinżamm in komun. Minkejja li l-maġġoranza fil-valur tal-ishma ta’ din il-proprjeta qablu u ftehmu dwar il-bejgħ ta' din l-arja skont termini pattwiti f’konvenju li ġie mehmuż mar-rikors promotur, jirriżulta li wieħed mis-sidien - Mikhail Kondratiev irriżulta li kien jinsab barra minn Malta, assenti u ħadd ma' kellu kuntatt miegħu.

23. Ġiet ippreżentata nota[4] fejn ai termini tal-artikolu 495A(4) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrenti ddikjaraw u Leo Gatt bil-ġurament tiegħu ikkonferma li Mikhail Kondratiev - detentur tal-passaport Russu numru 432747437 - ma setax jinstab kif ukoll li ħadd ma kien jaf fejn hu, fejn jirrisjedi u kif setgħa jiġi kuntattat. Din id-dikjarazzjoni kienet ukoll meħtieġa mill-artikolu 495A(4) tal-Kodiċi Ċivili *sine qua non.*[5]

---

[3] Żewġ rekwiżiti tassattivament meħtieġa skont l-art 495A(2) tal-Kodiċi Ċivili. Biss ir-rikorrenti naqsu milli jiktbu wkoll il-valur rispettiv għal kull sehem f’dan il-prospett kif imsemmi fl-istess sub-artikolu – għalkemm f’dan il-każ huma eżebew ukoll id-dokument a fol 14 li kien jindika li kull sehem kien ġie attribwit valur ta’ erbgħin elf euro (€40,000) biex b’hekk wassal għal prezz totali ta’ ħames mija u għoxrin elf euro (€520,000) għall-intier tal-arja de quo skont kif indikat fl-istess konvenju.

[4] A fol 77 ippreżentata fid-29 ta' April 2024.

[5] Ara f’dan is-sens il-kaz **Carmelo sive Charles Demicoli vs. L-Avukat Dr. Martin Fenech et** (552/2022) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-13 ta' Lulju 2023, li ttrattat b'mod speċifiku l-artikolu 495A(4) tal-Kodiċi Ċivili.

24. Skont il-valur tal-ishma ta' kull komproprjetarju kif premess fil-prospett fol 17, ir-rikorrenti kollha huma proprjetarji ta’ tlieta u għoxrin minn sebgħa u għoxrin (23/26) partijiet indiviżi tal-proprjeta in kwistjoni, filwaqt li Thomas Joseph Cachia Wakeman, li oriġinarjament ma riedx jiffirma l-konvenju iżda fil-mori ta' dan il-każ iffirma l-imsemmi konvenju mertu ta' din il-vertenza kien proprjetarju ta’ tnejn minn sitta u għoxrin (2/26) partijiet indiviżi (ossija parti waħda minn tlettax (1/13) indiviżi tal-arja imsemmija.

25. Skont l-istess prospett esebit a fol 17,Mikhail Kondratiev kien proprjetarju ta’ sehem wieħed minn sitta u għoxrin (1/26) indiviż ta' l-imsemmija proprjetà.

26. Rat ukoll il-konvenju esebit fol 4 *et sequitur,* rigwardanti l-proprjetà miżmuma in komun.

27. Jirriżulta wkoll li r-rikorrenti talbu lil din il-Qorti speċifikament sabiet tordna l-pubblikazzjonijiet ai termini tal-artikolu 495A (3) tal-Kodiċi Ċivili.

28. In vista tas-suespost, jirriżulta li sostanzjalment ir-rekwiżiti proċedurali tal-azzjoni tentata mir-rikorrenti jissussistu.

**L-aspett sostantiv tat-talba**

29. Il-ġurisprudenza tgħallem li s-sustanza ta’ din il-kawża tinsab fil-fatt jekk il-bejgħ li jkun qiegħed jiġi mitlub mis-sidien tal-maġġoranza tal-ishma in komun ikunx gravament jippreġudika l-jeddijiet tal-komproprjetarji dissidenti. Kif ingħad, il-Liġi u l-istess ġurisprudenza tiċċensura dan il-bejgħ prospettiv fil-każ biss li dan ikun **<u>gravament</u>** jippreġudika l-jeddijiet tal-komproprjetarji dissidenti, injoti, assenti jew introvabbli. Iġifieri l-Qorti hi prekluża milli tordna l-bejgħ jekk il-preġudizzju jirriżulta li jkun gravi u mhux sempliċi.

30. Fil-fatt, biex din il-Qorti jkollha s-serħan il-moħħ li l-propost bejgħ kien raġonevoli hija ħatret lil perit tekniku l-arkitett Michael Lanfranco sabiex jispezzjoni l-arja in kwistjoni u jirrelata dwar il-prezz tagħha fis-suq miftuħ. Il-Perit Michael Lanfranco stima li fis-sena 2024 l-imsemmija arja kienet tiswa ħames mija u għaxart elef euro (€510,000).

31. Il-prezz maqbul fil-konvenju eżebit a fol 8 għal din l-arja intiera kien ta' ħames mija u għoxrin elf euro (€520,000), marġinalment superjuri għal dak stmat mill-perit tekniku.

32. Il-valur attribwit u pattwit għal din l-arja intiera għalhekk irriżulta li kien wieħed ġust. Il-komproprjetarju assenti u introvabbli Kondratiev ma kienx sejjer jiġi gravament preġudikat b'dan il-bejgħ propost jew iseħħ skont il-kundizzjonijiet maqbula fuq l-att tal-konvenju eżebit.

33. Fid-dawl tas-suespost il-Qorti sejra tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.

# Deċide

**Għaldaqstant in vista tas-suesport, il-Qorti qegħda:**

**Tilqa' l-ewwel talba u tordna l-bejgħ tal-proprjetà ossija tal-arja 'ad coelum' formanti parti u sovrastanti blokk bl-isem 'The Pines', uffiċjalment immarkat 236 fi Triq Gdida li tiżbokka fi Triq Swieqi, is-Swieqi, libera u franka bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha, kif aħjar deskritt fil-konvenju tad-29 ta' Novembru 2022, taħt il-kundizzjonijiet u l-pattijiet hemmhekk miftiehma.**

**Tilqa' t-tieni talba u tordna lir-Reġistratur sabiex jippubblika kopja tar-rikors fil-Gazzetta tal-Gvern kif ukoll f'ġurnal lokali ta' kuljum.**

**Tilqa' t-tielet talba u tinnomina lin-nutar Dottor Luke Caruana sabiex jippubblika l-att ta' trasferiment opportun u kwalunkwe att ieħor neċessarju jew aċċessorju għall-istess, inkluż kwalunkwe 'waivers' neċessarji biex ikun jista' jsir il-bejgħ;**

**Tilqa' r-raba' talba u tawtorizza lin-Nutar Dottor Luke Caruana sabiex f'data, ħin u lok maqbul bejnu, u bejn il-partijiet f'din il-kawża u l-kuraturi deputati u terzi persuni oħra involuti jippubblika l-att notarili de quo b'dan li l-istess att għandu jsir fi żmien sitt xhur mid-data ta' din is-sentenza;**

**Tilqa' l-ħames talba u taħtar lill-kuraturi l-Avukat Dr. Leontine Calleja LL.D. u l-Prokuratur Legali Daniel Aquilina sabiex jidhru fuq l-att pubbliku minflok l-eventwali kontumaċi.**

**Spejjeż a karigu tar-rikorrenti.**

**Ft/Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**